MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 389/2000/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Denfar Excavations Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess 'socjeta' (korrettement "Korporazzjoni") is-somma ta' tlett mija u lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm301.29) rapprezentanti danni kawzati minnhom fuq proprjeta' tal-Korporazzjoni, fis-Siggiewi, fid-9 ta' Novembru 1998. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata Marzu 1999, oltre ghall-imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 9 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjes stante l-allegati danni gew allegatament kagunati tort in-nuqasijiet taghhom u ghalhekk l-eccipjenti ma ghandhomx jigu ritenuti li jghamlu fronti ghalihom.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi Jesmond Grech spjega (fol 15 et seq ibid) illi fid-9 ta' Novembru 1998, kien gie informat illi, fil-post f'Ta' Kandja fis-Siggiewi fejn hemm stazzjonata l-"Special Assignment Group" tal-Pulizija, kuntrattur, ossija s-socjeta' konvenuta, kien laqat "cable" ta' "low tension" waqt li diversi impjegati tal-istess kuntrattur kienu qed jhaffru trinka, in konnessjoni ma bini ta' pedamenti ghall- "block" iehor sabiex jintuza mill-istess "S.A.G.". Meta mar fuq il-post, bhala "techinician" stazzjonat fid-distrett ta' Hal Qormi, hu kien sab li kien hemm "Hi mac" qed thaffer" liema ingenju kien qed jinsaq minn wiehed minn dawn l-impjegati cjoe John Gauci taht is-supervisjoni ta' "foreman" Godwin Farrugia. Difatti fl-imsemmija trinka ossija thammil hu ra l-"cable" in kwistjoni li kien milqut u danneggjat mill-imsemmi ingenji u bhala konsegwenza l—'barracks' li ma humiex, x'intendi, accessibbli ghall-publiku in generali kienu spiccaw minghajr kurrent elettriku. Dwar dan ix-xhud testwalment qal "Qabel l-incident, ma kien wasal xejn ghandna biex jinformana li kien ser isir ix-xoghol f'Ta Kandja, lanqas biss ircevejna xi permess" tal-Pulizija u dan sabiex l-istess Korporazzjoni tkun tista' tibghat "… in-nies biex jaghmlu il-marki fuq il-post" biex jigi indikat lill-kuntrattur u jigi markat minnhom fejn hemm "cable" jew "cables" fil-post.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta konvenuta bdiet il-provi taghha billi gie prodott Dennis Farrugia (fol 23, fol 28 u fol 82 tal-istess

atti) li spjega illi s-socjeta rappesentata minnu kienet giet inkarigata mid-Dipartiment tat-Toroq tad-Dipartment tax-xogholijiet publici, permezz ta' accettazzjoni ta' "tender",sabiex jigi esegwit xoghol ta' skavar ta' drenagg. Wara li l-istess Dipartment imsemmi kien hareg il-permess relattiv, kopja ta' dan kienet intbaghtet lil diversi dipartimenti tal-Gvern u korporazzjoni fosthom dik attrici u dan sabiex jintbaghat rappresentant fuq il-post biex jigi indikat u markat minn fejn jkunu ghaddejjin, taht l-art, "cables" u servizzi ohra.  Hawnhekk ix-xhud sostna li rappresentant ta-Korporazzjoni attrici mid-distrett ta' Hal Qormi kien, filfatt, gie fuq il-post fejn kellu jsir l-iskavar u dan "… kien qalilna li fejn kien qed jsir l-iskavar ma kienx hemm "cables" meta kien presenti l-istess xhud.  Ix-xhud kompla biex jghid illi l-"cable" li gie milqut ma kienx imnizzel fil-pjanti li gab mieghu l-istess rappresentant in vista li l-"cable" in esami kien gie stallat "…… mill-militar tal-Inglizi".

In rigward l-imsemmi <u>permess</u>, l-istess xhud esebixxa kopja ta' dan, mahrug mid-Dipartiment imsemmi fit-30 ta' Ottubru 1998 (ara fol 30 et seq ibid) flimkien ma dokumenti ohra, fosthom <u>erba' ritratti</u> mehudin mill-istess xhud <u>wara</u> dan l-incident u dan sabiex juri li l-"cable" in esami ma hux moghtti bi "slabs" tal-gebel u sabiex juri fejn saret linja hamra permezz ta' zebgha gew "spray" mill-impjegati tal-istess Korporazzjoni izda <u>wara</u> li sehh dan l-incident (ara ukoll il-kopja ta' <u>ittra</u> esebita mill-istess xhud a fol 35 ibid).

Illi gew prodotti mis-socjeta konvenuta zewg impjegati taghha <u>Lawrence Brincat u Ian Gillibriand</u> u dawn peress ta' "affidavit" kull wiehed (fol 39 u fol 42 et seq ibid) huma sostnew illi effettivament, qabel ma kien inbeda t-thaffir, kienu gew impjegati tal-Korporazzjoni attrici "Izda dak inhar huma ma ghamlu ebda marki " u "Ma ghamlu l-ebda zebgha fl-art".

Illi l-istess socjeta konvenuta pproduciet xhud in rapprestanza tal-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku "izda dan kien xehed fuq <u>permess iehor"</u> (ara fol 84 ibid).

Illi l-ahhar xhud prodott mis-socjeta konvenuta kien Jesmond Grech (fol 86et seq ibid) impjegat mal-Korporazzjoni attrici u dan spjega li l-"cables" fil-post in kwistjoni uzat mill-"S.A.G." "… issa saru 'redundent' " u skond l-istess xhud l-istess post hu konsiderat bhala pruvat u b'hekk "…. Ma nistax nindika, bi pjanta, fejn ghaddejin l-"cables". Inoltre x-xhud, dwar dan il-kaz sostna li l-Korporazzjoni attrici ma rceviet l-ebda applikazzjoni ghal permezz ta' thaffir u b'hekk "… nahseb li ma marrux rappresentanti tal-Korporazzjoni Enemalta fuq il-post".

Ikkunsidrat

Illi a basi tal-provi kif hawn fuq esposti jrid jirrisulta mill-istess provi u fuq bazi ta' probabilita illi s-socjeta konvenuta ikkagunat danni u hsarat fil-"cable" in kwistjoni kien konsegwenza ta' htija da parti tal-istess socjeta konvenuta (artikolu 1031 tal-Kodici Civili) fis-sens illi din ma uzatx il-prudenza, id-diligenza u il-hsieb ta' "bonus paterfamilias" (artikolu 1032 ibid).

Inoltre jkun opportun li ssir referenza ghall-artikolu 1037 ibid dwar ir-responsabilta ta' min iqabbad persuna mhux ta' hila ("culpa in eligendo").

Illi, ghalhekk trattasi ta' danni "ex delicto" il-Qorti trid tkun konvinta illi s-socjeta konvenuta, a basi tal-istess provi, illi l-hsara fil-"cable" in esami grat minhabba tort da parti tal-istess socjeta. Hawnhekk, il-Qorti tara illi hi rrinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti bejniethom u ma tarax illi hemm xi prova indipendenti mill-istess partijiet sabiex tkun tista' tikkonkludi fuq basi ta' probabilta, illi l-istess hsara grat minhabba tort tas-socjeta konvenuta. Tenut kont ta' dak li jinghad fl-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li l-"onus probandi" ta' fatt jispetta lil minn jkun allegah, Il-Qorti ma hiex sodisfatta li l-Koporazzjoni attrici ipprovat, dejjem fuq basi ta' probabilta illi l-hsara grat minhabba l-agir delittwali tas-socjeta konvenuta.

Illi ghalhekk, it-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba attrici waqt li, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-ispejjes jibghqu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------